KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fil-31 ta' Jannar 2008 [1]

1. Permezz ta' dan ir-rikors, ir-Renju ta' Spanja jitlob l-annullament tal-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1415/2004, tad-19 ta' Lulju 2004, li jistabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal ċertu żoni tas-sajd u sajd [meded ta' baħar bil-ħut] [2].

2. Dan ir-rikors isegwi dak illi r-Renju ta' Spanja ressaq kontra l-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003, tal-4 ta' Novembru 2003, dwar l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95 [3], u li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet b'sentenza tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill [4].

3. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, sa fejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati kienu indiviżibbli mill-bqija tar-Regolament Nru 1954/2003, it-talbiet għall-annullament parzjali ta' dan ir-Regolament, ippreżentati mir-Renju ta' Spanja, kienu inammissibbli u li r-rikors kellu għalhekk jiġi miċħud [5].

4. Sa kemm kellha tiġi deċiża din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet, fit-2 ta' Marzu 2005, li tissospendi l-proċedimenti f'din il-kawża. Wara s-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, ir-Renju ta' Spanja talab li titneħħa din is-sospensjoni tal-proċedimenti.

5. In sostenn ta' dan ir-rikors, ir-Renju ta' Spanja jqajjem, skont l-Artikolu 241 KE, eċċezzjoni ta' illegalità kontra r-Regolament Nru 1954/2003.

6. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega, fl-ewwel parti, għaliex din l-eċċezzjoni ta'

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 258, p. 1.

3 — ĠU L 289, p. 1.

4 — C-36/04, Ġabra p. I-2981.

5 — Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 21).

illegalità għandha, fl-opinjoni tiegħi, tiġi milqugħa. Wara, fit-tieni parti, ser nesponi r-raġunijiet li għalihom nikkunsidra li l-ilmenti mqajma mir-Renju ta' Spanja insostenn ta' tali eċċezzjoni ta' illegalità ma jistgħux jintlaqgħu u li konsegwentement, dan ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala infondat.

8. Ir-Regolament Nru 1954/2003 jikkostistwixxi waħda minn dawn il-miżuri. Skont l-Artikolu 1 tiegħu, dan ir-Regolament "jistabbilixxi l-kriterji u l-proċeduri għal sistema li tirrigwarda l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd fiż-żoni V, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES u d-diviżjonijiet 34.1.1., 34.1.2. u 34.2.0. ta' CECAF".

I — Il-kuntest ġuridiku

9. Skont l-Artikolu 2(b) ta' dan l-istess Regolament "'sforz għas-sajd' ifisser prodott tal-kapaċità u l-attività ta' bastiment tas-sajd. Għall-grupp ta' bastimenti jfisser it-total ta' l-isforz għas-sajd ta' l-isforz magħmul minn kull bastiment li jifforma parti mill-grupp".

A — *Ir-Regolament Nru 1954/2003*

7. Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, tal-20 ta' Diċembru 2002, dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [6], "il-Kunsill għandu jistabbilixxi miżuri li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insegwiment ta' attivitajiet tas-sajd". B'mod partikolari, il-paragrafu 2(f) ta' dan l-Artikolu jsemmi l-miżuri sabiex "jiġi limitat l-isforz tas-sajd".

10. It-tieni premessa tar-Regolament Nru 1954/2003 tippreċiża li "[i]s-sistema ta' aċċess għal ċerti żoni u riżorsi definiti fl-Artikoli 156 sa 166 u l-Artikoli 347 sa 353 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall [7] intemmet fil-31 ta' Diċembru 2002. Konsegwentement, xi dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95 tas-27 ta' Marzu 1995, [dwar l-amministrazzjoni [immaniġġjar] tax-xogħol tas-sajd li għandu x'jaqsam ma' ċerti arji u riżorsi tas-sajd tal-Komunità] [8], u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2027/95 tal-15 ta' Ġunju 1995, li jistabbilixxi sistema [għall-amministrazzjoni tal-isforzi li

6 — ĠU L 358, p. 59.

7 — Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża u l-aġġustamenti għat-Trattati (ĠU 1985, L 302, p. 23, b'mod partikolari p. 69 *et seq*, iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni").

8 — Regolament tas-27 ta' Marzu 1995 (ĠU L 71, p. 5).

jsiru fis-sajd dwar ċerti arji u riżorsi tas-sajd tal-Komunità] [9] [għandhom ikunu] adattat[i] għas-sitwazzjoni legali ġdida".

11. Barra minn dan, skont it-tielet premessa tar-Regolament Nru 1954/2003, "[d] ispożizzjonijiet oħra preskritti bir-Regolament [Nru 685/95] u [Nru 2027/95] huma maħsuba biex jistabbilixxu sistema ġenerali għall-maniġġjar ta' l-isforz għas-sajd biex tkun evitata żieda fl-isforz għas-sajd u ma jirrelatawx [għall-Att ta' Adeżjoni]. Dawk id-dispożizzjonijiet huma importanti għall-maniġġjar tas-sajd [meded ta' baħar bil-ħut] u għandhom jinżammu".

12. F'din il-perspettiva, ir-raba' premessa tar-Regolament Nru 1954/2003 tipprevedi li, "[b]iex jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda żidiet fil-livelli ġenerali ta' l-isforz eżistenzi għas-sajd, hu meħtieġ li tiġi stabbilita sistema ġdida fl-immaniġġjar ta' l-isforz għas-sajd fiż-żoni [elenkati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament]. Din is-sistema għandha tillimita l-isforz għas-sajd fuq il-bażi ta' l-isforz għas-sajd li ġie mwettaq f'dawn iż-żoni ta' sajd [meded ta' baħar bil-ħut] fil-perjodu 1998 sa 2002".

13. Il-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1954/2003 jirrigwarda s-sistema ta' mmaniġġjar ta' sforz għas-sajd hekk stabbilita. F'dan il-kapitolu, l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Miżuri dwar il-qbid ta' speċi tal-qiegħ u ċerti molluski u krustaċji", huwa fformulat kif ġej:

"1. Ħlief għaż-żona definita fl-Artikolu 6(1), l-Istati Membri għandhom:

a) jagħmlu stima tal-livelli ta' sforzi għas-sajd magħmula minn bastimenti ta' 15-il metru jew aktar fit-tul kollu, bħala medja annwali tal-perjodu 1998 sa 2002, f'kull waħda miż-żoni ta' l-ICES u d-diviżjonijiet ta' CECAF imsemmijin fl-Artikolu 1 għal meded ta' baħar b'ħut tal-qiegħ, ħlief meded ta' ħut tal-qiegħ, dawk koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi għall-aċċess u kondizzjonijiet applikabbli fis-sajd għal stokkijiet ta' ħut f'baħar fond [10],u meded ta' baħar b'molluski bivalvi tal-familja Pectinidae, granċi ta' l-ikel u għaġuż, kif preskritt fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Biex ikun kalkolat l-isforz għas-sajd il-kapaċità għas-sajd ta' bastiment għandha titkejjel bħala l-potenza elettrika stallata espressa f'kilowatts (kW);

9 — Regolament tal-15 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 199, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 149/1999, tad-19 ta' Jannar 1999 (ĠU L 18, p. 3).

10 — ĠU L 351, p. 6.

b) jallokaw il-livell ta' l-isforz stmat għas-sajd li jikkonforma mas-subparagrafu (a) f'kull żona ta' l-ICES jew diviżjoni ta' CECAF, għal kull medda ta' baħar fejn jinqabad il-ħut, imsemmija fis-subparagrafu (a).

[…]"

14. Barra minn dan, ir-Regolament Nru 1954/2003 jistabbilixxi sistema partikolari ta' mmaniġġjar ta' l-isforz għas-sajd għal żona bijoloġikament sensittiva fiż-żona magħluqa'l barra mill-kosta ta' l-Irlanda. Is-seba' premessa ta' dan ir-regolament tippreċiża f'dan ir-rigward li "[ż]ona lejn in-Nofsinhar u l-Punent ta' l-Irlanda giet identifikata bħala żona ta' konċentrazzjoni għolja ta marlozz. Din iż-żona saret suġġetta għal restrizzjonijiet speċjali fl-użu ta' tagħmir għal qiegħ il-baħar. Għall-istess għan ta' konservazzjoni dan għandu jkun ukoll suġġett għal ħtiġijiet speċifiċi ta' limitazzjoni fis-sistema ġenerali deskritta hawn fuq […]".

15. Is-sistema partikolari ta' mmaniġġjar ta' l-isforz għas-sajd applikata għal din iż-żona bijoloġikament sensittiva, stabbilita fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1954/2003, hija definita fil-paragrafu 2 ta' dan l-istess Artikolu li jiddisponi li "Stati Membri għandhom jagħmlu stima tal-livelli ta' l-isforz għas-sajd eżerċitat minn bastimenti ta' 10 metri jew aktar fit-tul kollu, bħala medja annwali għall-perjodu 1998 sa 2002, għal meded ta' baħar bil-ħut tal-qiegħ, minbarra dawk koperti bir-Regolament [Nru 2347/2002], u meded ta' baħar b'molluski bivalvi tal-familja Pectinidae, granċi li jittieklu u għaġuż, u jallokaw il-livell ta' sforz għas-sajd hekk stmat għal kull waħda minn dawk il-meded ta' baħar bil-ħut."

16. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1954/2003 jipprevedi li, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni notifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, din "tibgħat lill-Kunsill […] proposta dwar Regolament li jiffissa l-isforz massimu annwali għas-sajd għal kull Stat Membru u għal kull żona u medda ta' baħar definiti fl-Artikoli 3 u 6."

17. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2) ta' dan ir-regolament, "[i]l-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata dwar il-proposta mill-Kummissjoni, […] jiddeċiedi dwar l-isforz massimu annwali għas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1".

18. Fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, il-Kunsill adotta r-Regolament Nru 1415/2004, li huwa s-suġġett ta' dan ir-rikors għal annullament.

B — *Ir-Regolament Nru 1415/2004*

19. Skont l-aħħar premessa tar-Regolament Nru 1415/2004, "[l]-isforz annwali massimu tas-sajd, li għandu jiġi ffissat għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru, skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd [medda ta' baħar bil-ħut], għandu jkun daqs l-isforz tas-sajd globali magħmul matul il-perijodu ta' 5 snin bejn 1998 u 2002 minn dawk il-bastimenti, diviż b'ħamsa".

20. Dan ir-regolament jiddisponi:

"*Artikolu 1*

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal kull Stat Membru u għal kull żona u sajd [medda ta' baħar bil-ħut] definiti fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament [Nru 1954/2003].

Artikolu 2

Livelli massimi

1. Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd [medda ta' baħar bil-ħut], u skond l-Istat Membru, għaż-żoni msemmija fl-Artikolu 3 (1) (a) u (b) tar-Regolament [Nru 1954/2003], huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd [medda ta' baħar bil-ħut], u skond l-Istat Membru, għaż-żona msemmija fl-Artikolu 6 (1) tar-Regolament [Nru 1954/2003], huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Transitu minn żona

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-użu ta' l-allokazzonijiet ta' l-isforz tas-sajd skond iż-żona, kif definit fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament [Nru 1954/2003], ma jirriżultax f'aktar żmien mgħoddi fis-sajd meta mqabbel mal-livelli ta' l-isforz tas-sajd magħmul matul il-perijodu ta' referenza.

2. Sforz tas-sajd stabbilit bħala riżultat ta' bastiment li jkun fi transitu minn żona fejn l-ebda operazzoni ta' sajd ma twettqet matul il-perijodu ta' referenza ma għandux jintuża sabiex jitwettqu operazzjonijiet ta' sajd f'dik iż-żona. Kull Stat Membru għandu jirreġistra sforz tas-sajd bħal dan b'mod separat.

Artikolu 4

Metodoloġija

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-metodu użat biex ikun irreġistrat sforz tas-sajd ikun l-istess bħal dak użat fl-istima tal-livelli ta' sforz tas-sajd taħt l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament [Nru 1954/2003].

Artikolu 5

Osservanza ta' skemi oħra ta' limitazzjoni ta' l-isforz tas-sajd

Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd stabbiliti fl-Annessi I u II għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd stabbiliti fil-pjanijiet ta' rkupru jew xi miżuri oħra ta' immaniġġjar skond il-liġi tal-Komunità basta li l-miżura bl-inqas ammont ta' sforz tas-sajd tkun osservata.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri."

II — Ir-rikors

21. Fir-rikors promotur tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha tannulla l-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament Nru 1415/2004, billi minn naħa, jinvoka l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, u billi jsostni, min-naħa l-oħra, li l-Kunsill wettaq abbuż ta' poter billi adotta l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, kif ukoll ir-Regolament Nru 1415/2004.

22. Wara, fir-replika tiegħu ppreżentata fit-22 ta' Ġunju 2006, ir-Renju ta' Spanja espliċitament qajjem eċezzjoni ta' illegalità skont l-Artikolu 241 KE kontra r-Regolament Nru 1954/2003. Huwa jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha tikkonstata l-illegalità ta' dan ir-regolament.

23. B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni ġiet ammessa tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

III — Evalwazzjoni

24. L-ewwel nett, ser nieħu pożizzjoni fuq l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità li ġiet imqajma mir-Renju ta' Spanja.

A — *Fuq l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja*

25. Fir-rikors tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jqajjem l-ewwel ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, f'dak li jikkonċerna, minn naħa, il-perijodu ta' referenza użat sabiex jiġi ffissat il-livell massimu tal-isforz annwali tas-sajd u, min-naħa l-oħra, id-delimitazzjoni ta' żona sensittiva.

26. L-argumenti esposti minn dan l-Istat Membru insostenn ta' dan l-ilment huma identiċi għal dawk li huwa żvilluppa fil-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

27. Ir-Renju ta' Spanja jindika, fil-punt 36 tar-rikors tiegħu, li huwa jikkunsidra li l-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 imorru kontra l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u għandhom jiġu annullati. Din hija r-raġuni għalfejn huwa ressaq rikors għal annullament fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

28. Wara, ir-Renju ta' Spanja jippreċiża li huwa qed jikkontesta wkoll ir-Regolament Nru 1415/2004, sa fejn dan jimplementa l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003.

29. Bl-istess mod, f'dak li jirrigwarda t-tieni lment ibbażat fuq abbuż ta' poter min-naħa tal-Kunsill, ir-Renju ta' Spanja jerġa jisħaq, fir-rikors tiegħu, l-argumenti li ppreżenta fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq. Huwa jikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla r-Regolament Nru 1415/2004, li jimplementa l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, għaliex, billi adotta dan l-Artikolu 6 u r-regolament ta' implementazzjoni, il-Kunsill wettaq abbuż ta' poter.

30. Fir-replika tiegħu, li ġiet ippreżentata wara li ngħatat is-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, ir-Renju ta' Spanja jsostni li huwa neċessarju li jqajjem eċċezzjoni ta' illegalità, skont l-Artikolu 241 KE, kontra r-Regolament Nru 1954/2003. Huwa jindika numru ta' raġunijiet li jiġġustifikaw, skont huwa, li tiġi vverifikata, b'mod inċidentali, il-konformità mad-dritt Komunitarju tar-Regolament Nru 1954/2003.

31. Fost dawn ir-raġunijiet, ir-Renju ta' Spanja jsostni b'mod partikolari li l-eċċezzjoni ta' illegalità tikkostitwixxi mezz li jitneħħew, skont il-każ, dispożizzjonijiet li, għalkemm imorru kontra d-dritt Komunitarju, jikkostitwixxu l-bażi ta' att li huwa s-suġġett ta' rikors għal annullament. Huwa jqis, f'dan ir-rigward, li teżisti rabta ġuridika diretta bejn l-att ta' implementazzjoni, jiġifieri r-Regolament Nru 1415/2004, u l-att bażiku, jiġifieri r-Regolament Nru 1954/2003. Fil-fatt, l-indikazzjonijiet li jinsabu fl-Annessi tar-Regolament Nru 1415/2004 jistgħu jiġu ffissati u kkalkulati biss fuq il-bażi ta' miżuri u ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003.

32. Barra minn dan, ir-Renju ta' Spanja jikkunsidra li dan il-każ huwa differenti mill-ipoteżi li fiha l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma minn Stat Membru hija inammissibbli minħabba li t-terminu għal preżentata tar-rikors għal annullament skada[11]. Fil-fatt, ir-Renju ta' Spanja kkonforma ma' dan ir-rekwiżit fir-rikors tiegħu ppreżentat kontra r-regolament bażiku fil-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

33. Fl-aħħar nett, dan l-Istat Membru jqis li s-sentenza mogħtija f'din il-kawża ma eżaminatx fil-mertu l-ilmenti mressqa minnu li essenzjalment huma applikabbli għar-regoli ta' implementazzjoni u li jiġġustifikaw l-inapplikabbiltà, f'din il-kawża, tar-Regolament Nru 1954/2003. Skont huwa, in-nuqqas ta' deċiżjoni fuq il-mertu u l-eżistenza ta' rabta ġuridika diretta bejn iż-żewġ regolamenti rilevanti jġiegħlu lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, tiddeċiedi fuq il-kwistjoni tal-inapplikabbiltà tar-Regolament Nru 1954/2003. F'każ kuntrarju, ir-Renju ta' Spanja jqis li jitneħħa kull effett utli tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

34. Fir-risposta tiegħu, il-Kunsill iqis li r-Renju ta' Spanja ma jippretendix li r-Regolament Nru 1415/2004 ma rrispettax id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1954/2003, iżda li dan l-Istat Membru, għall-kuntrarju, iqis li r-regolament ikkontestat huwa illegali, għaliex segwa l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003. Barra minn dan, il-Kunsill jikkonstata li, fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, ir-Renju ta' Spanja talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-Artikoli 3 u 6 ta' dan l-aħħar regolament għall-istess motivi bħal dawk invokati f'din il-kawża, jiġifieri l-ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u abbuż ta' poter. Insegwitu huwa jesponi l-pożizzjoni tiegħu fuq il-mertu.

35. Fil-kontroreplika tiegħu, il-Kunsill jenfasizza li dan ir-rikors, imressaq kontra r-Regolament Nru 1415/2004, ġie magħmul fil-kuntest ta' proċedura distinta u awtonoma meta mqabbla mal-kawża li tat lok

11 — Ir-Renju ta' Spanja jiċċita, f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1995, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-135/93, Ġabra p. I-1651, punt 17).

għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, anki jekk iż-żewġ rikorsi kienu manifestament marbuta ma' xulxin. Huwa jqis li r-rispett tal-livell massimu tal-isforz annwali tas-sajd għal kull Stat Membru, iffissat bir-Regolament Nru 1415/2004, huwa obbligu kumplimentari, iżda distint meta mqabbel mal-obbligi previsti fl-Artikoli 3, 4 u 6 sa 8 tar-Regolament Nru 1954/2003.

36. Il-Kunsill jikkunsidra li l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma fl-istadju tar-replika tressqet tard u għalhekk hija inammissibbli. Huwa fil-fatt iqis li, fir-rigward ta' dak li jipprevedi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza [12], iċ-ċaħda tar-rikors ippreżentat mir-Renju ta' Spanja fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala fatt ġdid.

37. F'dan ir-rigward, il-Kunsill b'mod partikolari jqis li l-atti mħejjija mill-istituzzjonijiet Komunitarji jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' validità, b'mod li sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonferma l-validità ta' att ma timmodifikax il-pożizzjoni legali li fiha jkun jinsab ir-rikorrent u konsegwentement ma tistax tikkostitwixxi element li jippermetti l-preżentata ta' talba ġdida.

38. F'kull każ, il-Kunsill iqis li r-Renju ta' Spanja ma jistax jikkontesta l-validità tar-Regolament Nru 1954/2003 la darba t-terminu stabbilit mill-aħħar paragrafu tal-Artikolu 230 KE ikun skada. Fil-fatt, huwa jikkunsidra li, jekk Stat Membru kien awtorizzat jikkontesta att Komunitarju permezz tal-eċċezzjoni ta' illegalità kull darba li istituzzjoni tadotta att ta' implementazzjoni ta' dan l-att Komunitarju, dan jippermetti li jitqiegħdu indefinittivament f'dubju atti Komunitarji li għandhom effett legali, li jkun, skont huwa, kontra l-għan imfittex mit-termini għal preżentata tar-rikors, jiġifieri li tiġi garantita ċ-ċertezza legali.

39. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li minnha jirriżulta li huwa impossibbli għad-destinatarju ta' deċiżjoni adottata mill-istituzzjonijiet Komunitarji li ma ġietx ikkontestata fit-terminu previst fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 230 KE, li jinvoka l-illegalità tagħha, billi deċiżjoni bħal din saret definittiva fir-rigward tiegħu [13].

40. Huwa jqis li din il-ġurisprudenza għandha tiġi applikata f'din il-kawża, minkejja li din hija differenti minnha f'żewġ aspetti, jiġifieri, minn naħa, li r-Renju ta' Spanja kkontesta l-att li fir-rigward tiegħu fil-preżent huwa jikkontesta l-validità, iżda

12 — Skont din id-dispożizzjoni, "[e]bda talba ġdida ma tista' tiġi ppreżentata matul il-kawża sakemm din it-talba ma tkunx ibbażata fuq elementi ta' fatt u ta' dritt li joħorġu matul il-proċedura".

13 — Il-Kunsill jiċċita s-sentenzi tal-15 ta' Novembru 1983, Il-Kummissjoni vs Franza (52/83, Ġabra p. 3707, punt 10); tad-9 ta' Marzu 1994, TWD Textilwerke Deggendorf (C-188/92, Ġabra p. I-833, punt 13), u tal-15 ta' Frar 2001, Nachi Europe (C-239/99, Ġabra p. I-1197, punt 29).

r-rikors tiegħu ġie miċħud u, min-naħa l-oħra, li l-att ikkontestat f'dawn il-proċeduri huwa regolament.

41. Fir-rigward tal-Kummissjoni, din l-ewwel nett tenfasizza li r-rabta bejn ir-Regolamenti Nru 1954/2003 u 1415/2004 hija tant stretta li dan ir-rikors huwa biss repetizzjoni, kważi litterali, tar-rikors li ta lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq. Skontha, dan ir-rikors fil-fatt mhuwiex dirett kontra r-Regolament Nru 1415/2004, iżda kontra l-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003. L-ebda talba ta' dan ir-rikors ma ssemmi speċifikament jew direttament ir-Regolament Nru 1415/2004. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tikkunsidra li, billi jitlob li jitkomplew dawn il-proċeduri, ir-Renju ta' Spanja qed jipprova jaħrab mill-effetti tas-sentenza li ċaħdet ir-rikors tiegħu fil-kawża Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

42. Barra minn dan, skontha, l-eċċezzjoni ta' illegalità, taċita jew impliċita, ma ġietx ippreżentata b'mod korrett, għaliex, minn naħa, tali eċċezzjoni hija suġġetta għar-rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 KE, b'mod li r-Renju ta' Spanja ma jistax jinvoka l-illegalità ta' att li kontrih huwa seta' jressaq rikors għal annullament [14]. Min-naħa l-oħra, l-eċċezzjoni ta' illegalità mhijiex kwistjoni ta' ordni pubbliku u għandha għalhekk titqajjem espliċitament fir-rikors [15].

43. Skont il-Kummissjoni, eċċezzjoni ta' illegalità mqajma fir-replika għandha tiġi kkunsidrata bħala li hija barra mit-terminu. Barra minn dan, din tissupponi l-introduzzjoni ta' talba ġdida, kif ukoll il-modifika tat-talba inizjali, li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermettix.

44. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li dan ir-rikors għandu jiġi miċħud mingħajr mhemm għalfejn li jiġi eżaminat il-mertu tal-kawża.

45. Fir-risposta għan-nota ta' intervent tal-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja jippreċiża li, skont huwa, is-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, tikkostitwixxi element ġdid ta' fatt u ta' dritt li ħareġ matul il-proċedura u li jippermetti li tiġi invokata talba ġdida skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-aħħar nett, l-eċċezzjoni ta' illegalità ma tmurx la kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali u lanqas kontra dak tal-awtorità tar-*res judicata*.

14 — Il-Kummissjoni tiċċita, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Settembru 1995, TWD vs Il-Kummissjoni (T-244/93 u T-486/93, Ġabra p. II-2265, punt 103).

15 — Il-Kummissjoni ssemmi, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1959, Société des fonderies de Pont-à-Mousson vs L-Awtorità Għolja (14/59, Ġabra p. 445).

46. Ma naqbilx mal-pożizzjoni li jiddefendu l-Kunsill u l-Kummissjoni sa fejn huma jikkunsidraw bħala inammissibbli eċċezzjoni ta' illegalità bħal dik ippreżentata mir-Renju ta' Spanja fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

47. In sostenn tal-opinjoni tagħhom, il-Kunsill u l-Kummissjoni jibbażaw ruħhom fuq żewġ argumenti: minn naħa, huma jiddefendu pożizzjoni ta' prinċipju li tikkonsisti, essenzjalment, fi li jsostnu li Stat Membru ma jistax iqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà kontra att Komunitarju li huwa kien qabel f'pożizzjoni li jattakka, anki jekk dan huwa regolament. Min-naħa l-oħra, huma jqisu li eċċezzjoni ta' illegalità, fil-kawża prinċipali, hija tardiva.

48. Għall-kuntrarju, nikkunsidra, li l-formulazzjoni tal-Artikolu 241 KE jippermetti, b'mod wiesa', lil Stat Membru jinvoka l-inapplikabbiltà ta' regolament, inkluż, fl-opinjoni tiegħu, meta huwa jkun diġà ressaq rikors għal annullament parzjali kontra tali regolament, iżda meta dan ir-rikors ġie ddikjarat bħala inammissibbli.

49. Barra minn hekk inqis, li l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja ma tistax tiġi kkunsidrata bħala tardiva, sa fejn din hija impliċitament inkluża fir-rikors ippreżentat mir-Renju ta' Spanja.

1. Fuq il-possibbiltà għal rikorrent ipprivileġġjat li jqajjem eċċezzjoni ta' illegalità kontra regolament

50. L-ewwel nett għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 241 KE, "[f]il-każ ta' kontroversja dwar regolament adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, jew regolament tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, jew tal-[Bank Ċentrali Ewropew], kull parti tista' tibbaża ruħha fuq it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 230 sabiex tinvoka quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-inapplikabiltà ta' dak ir-regolament għalkemm ikun skada il-perjodu previst fil-ħames paragrafu ta' l-Artikolu 230".

51. F'numru ta' okkażżjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat il-kwistjoni tal-ammissibbiltà ta' eċċezzjonijiet ta' illegalità mqajjma minn rikorrenti ordinarji jew minn rikorrenti privileġġjati, skont l-Artikolu 241 KE. Minn dan tirriżulta ġurisprudenza komplessa, li l-punti prinċipali tagħha huma s-segwenti.

52. Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Marzu 1979, Simmenthal vs Il-Kummissjoni [16], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li "l-Artikolu [241 KE] huwa l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali li

16 — 92/78, Ġabra p. 777.

jassigura lil kull parti d-dritt li tikkontesta, sabiex tikseb l-annullament ta' deċiżjoni li tikkonċernaha direttament u individwalment, il-validità ta' atti istituzzjonali preċedenti, li jikkostitwixxu l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, jekk din il-parti ma tiddisponix mid-dritt li tressaq, skont l-Artikolu [230 KE], rikors dirett kontra dawn l-atti, li hija għaldaqstant batiet il-konsegwenzi tagħhom mingħajr ma kienet f'pożizzjoni li titlob l-annullament tagħhom" [17].

53. Din is-sentenza introduċiet, fir-relazzjonijiet bejn ir-rikors għal annullament u l-eċċezzjoni ta' illegalità, loġika ta' kumpens tar-rimedji legali [18]. Billi sottomettiet l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità għal kundizzjoni dwar in-nuqqas ta' rimedji legali alternattivi, il-Qorti tal-Ġustizzja tat lil din karattru sussidjarju [19].

54. Billi tissuġġetta għaldaqstant l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità għall-għeluq tal-aċċess dirett għall-ġudikatura tal-Komunità, il-qorti Komunitarja trid tevita li dan ir-rimedju jagħti lir-rikorrent negliġenti l-possibbiltà ta' oppotunità oħra. Minn dan jirriżulta prinċipju ta' uniċità tal-protezzjoni ġudizzjarja bis-saħħa ta' liema persuna suġġetta għal-liġi, bħala regola ġenerali, għandha tiddisponi biss minn possibbiltà waħda ta' aċċess għall-qorti Komunitarja [20].

55. F'din il-loġika, it-terminu perentorju tal-kontestazzjoni inċidentali huwa intiż sabiex jissanzjona l-imġieba negliġenti tar-rikorrent li naqas milli juża r-rikors għal annullament sabiex jikkontesta deċiżjoni, meta huwa kellu ċertament il- possibbiltà li jagħmel dan [21].

56. Ukoll, bħar-rikorrenti ordinarji, ir-rikorrenti privileġġjati ma jistgħux, fil-kuntest ta' rikors għal annullament kontra deċiżjoni, jinvokaw permezz ta' eċċezzjoni l-illegalità ta' att preċedenti tal-istess natura, li huma setgħu jitolbu direttament l-annullament tiegħu. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiġi ammessa soluzzjoni kuntrarja tippermetti li jiġi evitat it-terminu għal preżentata tar-rikors previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE [22]. Dan il-prinċipju tal-invjolabbiltà tad-deċiżjonijiet mhux ikkontestati f'dan it-terminu jitwarrab biss fl-ipoteżi fejn l-att li l-illegalità tiegħu hija argumentata jkun ivvizjat b'mod partikolarment gravi u evidenti, sal-punt li dan ikun jista' jiġi kkwalifikat bħala att ineżistenti [23].

17 — Punt 39.

18 — Skont l-espressjoni użata minn L. Coutron, *La contestation incidente des actes de l'Union européenne,* teżi tal-10 ta' Diċembru 2005 tal-Università ta' Montpellier I.

19 — Ara J. Molinier, "Exception d'illégalité", *Jurisclasseur Europe,* 2007, faxxikolu 350, p. 7, punt 22.

20 — Ara L. Coutron, *op. cit.*, p. 113 u 383.

21 — Dan it-terminu perentorju, l-ewwel nett tqajjem kontra r-rikorrent negliġenti fil-kuntest ta' rinviju għal evalwazzjoni tal-validità (sentenza TWD Textilwerke Deggendorf, iċċitata iktar 'il fuq, punti 23 sa 25). Is-sena ta' wara, il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej ittrasponiet dan ir-raġunament fil-kuntest tal-eċċezzjoni ta' illegalità (sentenza TWD vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 103).

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 17).

23 — Sentenza tat-30 ta' Ġunju 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (226/87, Ġabra p. 3611, punt 16). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 1969, Il-Kummissjoni vs Franza (6/69 u 11/69, Ġabra p. 523, punti 11 sa 13).

57. Dan ir-raġunament ibbażat fuq il-kumpens tar-rimedji legali huwa wkoll rilevanti meta eċċezzjoni ta' illegalità titqajjem kontra regolament?

58. Risposta affermattiva tista' tingħata meta eċċezzjoni ta' illegalità bħal din titqajjem minn rikorrent ordinarju. Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal din, il-possibbiltà ta' kontestazzjoni inċidentali tikkumpensa r-restrizzjoni tal-aċċess tar-rikorrenti mhux privileġġjati għar-rikors għal annullament kontra atti leġiżlattivi. Quddiem att li verament huwa ta' portata ġenerali li, fil-prinċipju, huma ma jistgħux jitolbu direttament l-annullament tiegħu, ir-rikorrenti ordinarji ma jistgħux jiġu akkużati b'nuqqas ta' diliġenza u għalhekk jibbenefikaw middritt għall-kontestazzjoni inċidentali [24].

59. Raġunament bħal dan jidhirli li huwa koerenti fir-rigward tal-istruttura tar-rimedji tad-dritt Komunitarju u kompatibbli mal-formulazzjoni tal-Artikolu 241 KE li jippermetti lil kull parti tinvoka b'mod inċidentali l-inapplikabbiltà ta' regolament. Billi tikkonferma għaldaqstant il-possibbiltà ta' kontestazzjoni inċidentali ta' att ta' portata ġenerali minn rikorrent ordinarju, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tasal sabiex tikkonċilja l-loġika ta' kumpens tar-rimedji legali mal-formulazzjoni tal-Artikolu 241 KE.

60. Min-naħa l-oħra, ladarba eċċezzjoni ta' illegalità hija mqajma minn rikorrent privileġġjat kontra regolament, raġunament f'termini ta' kumpens tar-rimedji legali jitlef ir-rilevanza tiegħu sa fejn dan iwassal sabiex tiġi injorata l-formulazzjoni tal-Artikolu 241 KE.

61. Fil-fatt, peress illi l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom aċċess kważi illimitat għar-rikors għal annullament, raġunament bħal dan li jissuġġetta l-ammissibbiltà ta' eċċezzjoni ta' illegalità għall-impossibbiltà li jkun hemm aċċess direttament għal qorti Komunitarja inevitabbilment iwassal sabiex jċaħħad lir-rikorrenti privileġġjati minn kull dritt għal kontestazzjoni inċidentali [25]. Dan jikkostitwixxi ksur ovvju tal-formulazzjoni tal-Artikolu 241 KE li, jien nfakkarkom, jagħti lil kull parti, minkejja li jkun skada t-terminu previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, id-dritt li tinvoka quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-inapplikabbiltà ta' regolament [26].

62. Huwa ċertament minħabba n-natura insormontabbli ta' dan il-fatt litterali [27] li l-Qorti tal-Ġustizzja, fuq is-suġġeriment

24 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, Accrington Beef *et* (C-241/95, Ġabra p. I-6699, punti 15 u 16).

25 — Ara L. Coutron, *op. cit.*, p. 393.

26 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Slynn fil-kawża li li tat lok għas-sentenza tat-12 ta' Frar 1987, Franza vs Il-Kummissjoni (181/85, Ġabra p. 689). Skontha, "[m]inkejja l-pożizzjoni 'privileġġata' tal-Istati Membri fir-rigward tal-Artikolu [230 KE], […] l-espressjoni 'kull parti' użata fl-Artikolu [241 KE] tfisser proprju dan u mhux 'kull parti oħra ħlief Stat Membru'" (p. 703).

27 — Sabiex tintuża l-espressjoni użata mill-Avukat Ġenerali Mancini fil-paġna 5343 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Il-Greċja vs Il-Kunsill (204/86, Ġabra p. 5323).

ta' numru mill-Avukati Ġenerali tagħha [28], progressivament ammettiet li rikorrent privileġġjat jista' jqajjem, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, eċċezzjoni ta' illegalità kontra regolament [29].

63. Għalhekk mhuwiex rilevanti li jiġi sostnut, hekk kif jagħmlu l-Kunsill u l-Kummissjoni, li l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja konra r-Regolament Nru 1954/2003 hija inammissibbli sa fejn dan l-Istat Membru kellu l-possibbiltà li jitlob direttament għall-annullament ta' dan ir-regolament.

64. Jien naħseb li din l-argumentazzjoni għandha, iktar u iktar, tkun miċħuda meta rikorrent privileġġjat għamel użu mid-dritt tiegħu għal rikors, iżda r-rikors tiegħu ġie miċħud minħabba l-inammissibbiltà tat-talbiet tiegħu għal annullament parzjali.

65. Fil-fatt, jekk il-formulazzjoni tal-Artikolu 241 KE jipprekludi li n-nuqqas ta' diliġenza ta' rikorrent privileġġjat, li ma ressaqx kontra regolament rikors għal annullament fit-termini, jista' jiġi użat kontrih sabiex tiġi ddikjarata inammissibbli eċċezzjoni ta' illegalità mqajma kontra att bħal dan, jien tal-opinjoni li l-istess soluzzjoni għandha tiġi applikata, *a fortiori,* meta Stat Membru ressaq rikors għal annullament fit-termini, iżda r-rikors tiegħu ġie miċħud minħabba l-inammissibbiltà tat-talbiet tiegħu għal annullament parzjali.

66. Fi kliem ieħor, jidhirli li mhuwiex koerenti, fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-ammissibbiltà ta' eċċezzjoni ta' illegalità, li jiġi ssanzjonat b'mod iktar sever, jiġifieri bit-terminu perentorju, ir-rikorrent privileġġjat li wera diliġenza li nistgħu nikkwalifikaw bħala imperfetta, hekk kif inhu l-każ, f'din il-proċedura, tar-Renju ta' Spanja, meta mqabbel ma' dak li l-imġieba tiegħu tista' tinftiehem bħala nuqqas ta' diliġenza.

67. Niddeduċi minn dawn l-elementi li l-formulazzjoni tal-Artikolu 241 KE tippermetti, b'mod wiesa' ħafna, lil Stat Membru jinvoka l-inapplikabbiltà ta' regolament, inkluż, fl-opinjoni tiegħi, meta jkun diġà ressaq rikors għal annullament parzjali kontra regolament bħal dan, iżda dan ir-rikors ġie ddikjarat inammissibbli.

28 — Ara, b'mod partikolari, p. 600 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Roemer fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-13 ta' Lulju 1966, L-Italja vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (32/65, Ġabra p. 563); p. 703 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Slynn fil-kawża li tat lok għas-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq; p. 5343 sa 5345 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mancini fil-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Greċja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq. Ara wkoll, fuq dan l-istess tip ta' raġunament, il-punti 36 sa 54 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi, ippreżentati fid-19 ta' Settembru 2007, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-91/05, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

29 — Numru ta' sentenzi jirrikonoxxu biss b'mod impliċitu d-dritt tar-rikorrenti privileġġati għall-kontestazzjoni b'mod inċidentali ta' regolament fil-kuntest ta' rikors għal annullament (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq L-Italja vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni; Franza vs Il-Kummissjoni, u Il-Greċja vs Il-Kunsill). Iktar reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet iktar bil-miftuħ li rikorrent privileġġjat jista jikkontesta inċidentalment regolament [ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs Il-BĊE (C-11/00, Ġabra p. I-7147, punti 74 sa 78), u tal-14 ta' April 2005, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-110/03, Ġabra p. I-2801, punti 76 sa 81)].

2. Fuq jekk l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja tqajmitx tard jew le

68. Fuq din il-kwistjoni, l-ewwel nett hemm lok li jiġi indikat li, fost il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' eċċezzjoni ta' illegalità, hemm dik bis-saħħa ta' liema r-rikorrent li jqajjem kontestazzjoni inċidentali għandu juri dan b'mod ċar u mmotivat [30].

69. Għaldaqstant, eċċezzjoni ta' illegalità li magħha mhemmx inkluż sunt tal-motivi u li mhijiex immotivata għandha tiġi ddikjarata bħala inammissibbli [31].

70. Għalhekk huwa neċessarju li l-"argumenti essenzjali ta' liġi" jkunu msemmija fir-rikors, li jippermetti, skont il-każ, li dawn jiġi żviluppati fir-replika [32].

71. Barra minn hekk, il-projbizzjoni ta' talbiet ġodda matul il-kawża timpedixxi lil rikorrent milli jiżviluppa, għall-ewwel darba, eċċezzjoni ta' illegalità fl-istadju tar-replika [33], sa kemm xi elementi ta' dritt jew ta' fatt ma ħarġux matul il-proċedura, skont dak li jipprevedi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 42 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza [34].

72. Barra minn dan, jeħtieġ li jiġi indikat li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm din id-dispożizzjoni tippermetti eċċezzjonalment lil rikorrent, jinvoka motivi ġodda insostenn tat-talbiet magħmula fl-att promotur, din bl-ebda mod ma tipprevedi l-possibbiltà għal rikorrent li jippreżenta talbiet ġodda [35].

73. Fir-rigward ta' dawn ir-rekwiżiti, il-qorti Komunitarja diġà ammettiet li eċċezzjoni ta' illegalità tista' tiġi mqajma impliċitament.

74. Għandu jiġi enfasizzat li dan ir-rikonoxximent bl-ebda mod ma jeffettwa l-obbligu li tiġi mmotivata l-eċċezzjoni ta' illegalità,

30 — Ara, fuq dan is-suġġett, L. Coutron, *op. cit.*, p. 102 sa 104.

31 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Ottubru 2001, X vs BĊE (T-333/99, Ġabra p. II-3021, punti 115 sa 117), u tal-15 ta' Ġunju 2005, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-349/03, Ġabra p. II-2197, punti 179 u 180). Ara, wkoll, is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-19 ta' Ottubru 2006, De Smedt vs Il-Kummissjoni (F-59/05, ĠabraFP p. A-1-109, II-A-1-409, punt 77).

32 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza X vs BĊE, iċċitata iktar 'il fuq (punti 115 *et seq*).

33 — Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kuntest tal-kawża huwa stabbilit mir-rikors promotur u li eċċezzjoni ta' illegalità hija inammissibili fl-istadju tar-replika [sentenza tal-11 ta' Lulju 1985, Salerno *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (87/77, 130/77, 22/83, 9/84 u 10/84, Ġabra p. 2523, punt 37)]. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Settembru 2005, Common Market Fertilizers vs Il-Kummissjoni (T-134/03 u T-135/03, Ġabra p. II-3923, punt 51), ikkonfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Settembru 2007, Common Market Fertilizers vs Il-Kummissjoni (C-443/05 P, Ġabra p. I-7209, punti 106 sa 110).

34 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1994, Fiskano vs Il-Kummissjoni (C-135/92, Ġabra p. I-2885, punti 31 sa 33).

35 — Sentenza tat-18 ta' Ottubru 1979, GEMA vs Il-Kummissjoni (125/78, Ġabra p. 3173, punt 26).

la darba huwa kkunsidrat li dan il-motiv jirriżulta b'mod ċar mill-argumenti żviluppati fir-rikors, anki meta r-rikorrent ma jkunx indika espressament li huwa kien qed iqajjem eċċezzjoni ta' illegalità skont l-Artikolu 241 KE [36].

75. Fi kliem ieħor, eċċezzjoni ta' illegalità impliċita tista' tiġi milqugħa mill-qorti Komunitarja biss jekk l-argumenti ta' liġi li fuqhom hija bbażata jinstabu b'mod ċar u preċiż fir-rikors, b'mod illi jidher b'mod ċert li qed titqajjem quddiem din il-qorti eċċezzjoni ta' illegalità skont l-Artikolu 241 KE [37]. Fil-fatt, meta din il-kundizzjoni hija sodisfatta, il-konvenut huwa f'pożizzjoni li jiżgura d-difiża tiegħu fir-rigward ta' din il-kontestazzjoni inċidentali [38].

76. Jekk napplika dawn ir-rekwiżiti għal din il-kawża, għandu jiġi kkonstatat li, hekk kif essenzjalment jagħrfu l-Kunsill u l-Kummissjoni, iż-żewġ ilmenti mqajma mir-Renju ta' Spanja fir-rikors tiegħu kif ukoll l-argumenti li fuqhom huma bbażati huma intiżi, fl-ewwel lok tar-raġunament, sabiex jikkontestaw b'mod preċiż il-legalità tal-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 u wara, fit-tieni lok tad-dimostrazzjoni, sabiex jitolbu l-annullament tar-Regolament Nru 1415/2004 *sa fejn dan jimpeimenta l-Artikoli 3 u 6 tal-ewwel regolament*.

77. Jien nikkunsidra li l-kontestazzjoni inċidentali tal-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, implementati bir-Regolament Nru 1415/2004, hija għalhekk mressqa kif suppost fir-rikors ippreżentat mir-Renju ta' Spanja, li fih argumenti ta' liġi ċari u preċiżi f'dan is-sens.

78. Għalhekk għandu jiġi nnutat li jirriżulta mir-risposta tal-Kunsill li dan fehem li l-essenzjal tal-argument żviluppat mir-Renju ta' Spanja fir-rikors tiegħu kien jikkonsisti f'li tiġi kkontestata l-legalità tal-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 [39]. L-eċċezzjoni ta' illegalità impliċita kienet għalhekk ċerta għaż-żewġ partijiet.

79. Minn dan isegwi li, anki jekk ir-Renju ta' Spanja, fl-istadju tar-rikors, ma indikax

36 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ġunju 1996, Baiwir vs Il-Kummissjoni (T-262/94, ĠabraFP p. I-A-257 u II-739, punt 37). Skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, "il-ġurisprudenza tippermetti li jiġi kkunsidrat li eċċezzjoni ta' illegalità ġiet imqajma impliċitament, sa fejn jirriżulta b'mod relattivament ċar mir-rikors li r-rikorrent qiegħed fil-fatt jgħamel tali ilment".

37 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' Settembru 2001, Spruyt vs Il-Kummissjoni (T-171/00, ĠabraFP p. I-A-187 u II-855, punt 53), kif ukoll tas-26 ta' Frar 2003, Nardone vs Il-Kummissjoni (T-59/01, ĠabraFP p. I-A-55 u II-323, punt 27). Ara wkoll, L. Coutron, *op. cit.*, p. 103. Għal eżempju ieħor ta' eċċezzjoni ta' illegalità impliċita, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Ottubru 2006, Carius vs Il-Kummissjoni (T-173/04, ĠabraFP, punti 44 sa 60).

38 — Għalhekk, fis-sentenza tagħha Spruyt vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza vverifikat jekk il-Kummissjoni setgħetx tiddefendi l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' illegalità impliċita matul il-proċedura bil-miktub (punti 54 sa 61).

39 — Ara l-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

espressament li kien qed iqajjem, fuq il-bażi tal-Artikolu 241 KE, motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, din l-eċċezzjoni ta' illegalità tista' tiġi kkunsidrata bħala li tinsab b'mod impliċitu f'dan ir-rikors.

80. Din iċ-ċirkostanza, fl-opinjoni tiegħi, tipprekludi li din l-eċċezzjoni ta' illegalità tkun ikkunsidrata bħala tardiva u għal din ir-raġuni ddikjarata bħala inammissibbli.

81. Barra minn hekk, il-fatt li din tirrigwarda għalhekk kontestazzjoni inċidentali parzjali tar-Regolament Nru 1954/2003 ma jidhirlix li għandu jipprekludi l-ammissibbiltà tagħha.

82. Fir-rigward tar-rekwiżit ta' rabta ġuridika diretta bejn l-att ikkontestat prinċipalment u dak inċidentalment ikkontestat, fl-opinjoni tiegħi, rikorrent ma jistax jiġi kkritikat li juri rabta bħal din billi prinċipalment jindirizza l-ilmenti tiegħi, insostenn ta' eċċezzjoni ta' illegalità, kontra d-dispożizzjonijiet ta' regolament bażiku li preċiżament jikkostitwixxu dawk implimentati fir-regoli ta' implementazzjoni.

83. Inżid li r-raġuni prinċipali li hemm wara l-ġurisprudenza li skontha l-annullament parzjali ta' att Komunitarju huwa biss possibbli sakemm l-elementi li l-annullament tagħhom huwa mitlub jistgħu jinfirdu mill-bqija tal-att [40], jiġifieri l-impossibbiltà għall-qorti Komunitarja li tiddeċiedi *ultra petita* meta hija tkun fil-prezenza ta' talbiet għal annullament parzjali ta' att Komunitarju u tikkonstata li d-dispożizzjonijiet ikkontestati huma indiviżibbli mill-bqija tal-att, ma tapplikax għall-eċċezzjoni ta' illegalità. Fil-fatt, fil-kuntest ta' dan ir-rimedju legali, biss l-inaplikabbiltà tal-att inċidentalment ikkontestat tista' tiġi invokata, mhux l-annullament tiegħu.

84. Għalhekk, ma jidhirlix li applikazzjoni b'analoġija ta' din il-ġurisprudenza għall-eċċezzjoni ta' illegalità hija rilevanti.

85. Fl-aħħar nett, nikkunsidra li l-fatt li, fir-replika tiegħu r-Renju ta' Spanja formalment qajjem eċċezzjoni ta' illegalità skont l-Artikolu 241 KE kontra r-Regolament Nru 1954/2003 ma jfissirx madankollu li huwa qed jikkontesta d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament. Bi koerenza mal-argumenti żviluppati fir-rikors promotur, l-ilmenti tiegħu jibqgħu, fil-fatt, iffokati fuq l-Artikoli 3 u 6 ta' dan ir-regolament.

40 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 9 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, inqis li huwa ammissibbli li r-Renju ta' Spanja jinvoka, insostenn ta' dan ir-rikors għal annullament, l-inapplikabbiltà tal-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003.

87. Jien għalhekk tal-opinjoni li dan ir-rikors għandu għaldaqstant ikun analizzat bħala li huwa bbażat fuq talba waħda jiġifieri l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, li insostenn tagħha ir-Renju ta' Spanja jiżviluppa żewġ ilmenti, jiġifier, minn naħa, il-ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' abbuż ta' poter.

B — *Fuq il-fondatezza tal-eċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja*

88. Hekk kif jien indikajt qabel, insostenn tal-ilmenti tiegħu bbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u l-eżistenza ta' abbuż ta' poter, ir-Renju ta' Spanja jressaq l-istess argumenti li żviluppa fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

89. B'mod iktar preċiż, insostenn tal-ilment tiegħu bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, ir-Renju ta' Spanja jqis:

— minn naħa, li l-perijodu ta' referenza 1998-2002 imsemmi fir-Regolament Nru 1954/2003 għall-kalkolu tal-isforz tas-sajd, jikkorrispondi għal perijodu li fih dan l-Istat Membru kien, għad-differenza tal-Istati Membri l-oħra, suġġett għal sistema restrittiva minħabba l-adeżjoni tiegħu mal-Komunità Ewropea, u

— min-naħa l-oħra, li d-delimitazzjoni taż-żona bijoloġikament sensittiva definita fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1954/2003, li fir-rigward tagħha tapplika sistema speċifika tal-isforz tas-sajd, taqbel maż-żona antika msejħa "Irish Box", li fiha r-Renju ta' Spanja kien ukoll suġġett għal sistema restrittiva.

90. B'mod iktar ġeneriku, ir-Renju ta' Spanja jikkunsidra li s-sistema tranżitorja li għaliha huwa kien ġie suġġett minħabba l-adeżjoni tiegħu mal-Komunità skadiet fil-31 ta' Diċembru 2002 u li r-regolament il-ġdid ma kellux jieħu bħala referenza l-perijodu

1998-2002. Fil-fatt, billi kkunsidra fir-Regolament Nru 1954/2003 dan il-perijodu għall-evalwazzjoni tal-isforz tas-sajd, il-Kunsill żamm id-diskriminazzjoni li kienet teżisti fir-regolament ta' qabel dan ir-regolament.

91. Ir-Renju ta' Spanja jqis ukoll li l-Kunsill ma kkunsidrax is-sitwazzjoni speċifika tal-flotta Spanjola li tirriżulta mir-regoli tal-Att ta' Adeżjoni, li jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità.

92. Fir-rigward tat-tieni ilment, ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-Kunsill wettaq abbuż ta' poter billi adotta l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, sa fejn il-veru għan tad-delimitazzjoni taż-żona bijoloġikament sensittiva mhuwiex il-konservazzjoni tal-marlozz, iżda li jiġi mtawwal il-perijodu ta' restrizzjonijiet li għalihom il-flotta tiegħu kienet diġà sottomessa fl-"Irish Box".

93. Ir-Renju ta' Spanja jikkunsidra, fil-fatt, li jekk l-għan imfittex kien verament il-konservazzjoni tal-marlozz, miżuri identiċi għal dawk previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 kellhom jiġu applikati għal żoni oħra tal-ibħra tal-Punent. Barra minn dan, huwa jsostni li l-adozzjoni ta' dawn it-tip ta' miżuri tekniċi hija rregolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, tat-30 ta' Marzu 1998, dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar [41].

94. Dawn iż-żewġ ilmenti ġew eżaminati fid-detall mill-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet li ppreżenta fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

95. Jien naqbel ma' din l-analiżi u għal-daqstant nippermetti li nirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-punti 41 sa 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

96. Hawnhekk nillimita ruħi li ninnota l-elementi li ġejjin.

97. Fir-rigward tal-ewwel ilment, jidhirli li huwa oġġettivament iġġustifikat, fir-rigward tal-għan intiż sabiex tiġi garantita l-kontinwità tar-riżorsi tas-sajd, li tiġi prevista, fir-Regolament Nru 1954/2003, għall-Istati Membri kollha, sistema li tillimita l-isforz tas-sajd fuq il-bażi tal-isforz magħmul minn kull Stat Membru, fil-meded ta' baħar bil-ħut ikkonċernati, matul perijodu preċedenti

41 — ĠU L 125, p. 1.

reċenti bejn l-1998 u l-2002. Is-sistema ġenerali tal-immaniġġjar tal-isforz tas-sajd previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1954/2003 għalhekk ma jistax jiġi kkwalifikat bħala diskriminatorju.

98. Fir-rigward taż-żona bijoloġikament sensittiva definita fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1954/2003, jirriżulta mid-dokumenti tal-inkartament li s-sovrapożizzjoni ta' din iż-żona fuq l-"Irish Box" hija limitata, safejn iż-żona bijoloġikament sensittiva tkopri inqas minn nofs l-"Irish Box" [42]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, diffiċilment jista' jiġi sostnut li s-sistema restrittiva li għaliha kien sottomess ir-Renju ta' Spanja fl-"Irish Box", skont ir-Regolament Nru 685/95, matul il-perijodu bejn l-1998 u 2002, hija mtawwla, għad-dannu ta' dan l-Istat Membru, bl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1954/2003. Barra minn dan, il-metodu ta' evalwazzjoni tal-isforz tas-sajd fiż-żona bijoloġikament sensittiva msemmi f'dan l-artikolu huwa bbażat ukoll fuq kriterju oġġettiv, jiġifieri l-isforz tas-sajd effettivament magħmul minn bastimenti ta' tul daqs jew iktar minn 10 metri, bħala medja annwali tal-perijodu bejn l-1998 u l-2002, li jien jidhirli, li fuq kollox huwa ġġustifikat fir-rigward tal-għan ta' limitazzjoni tal-isforz tas-sajd f' żona ta' konċentrazzjoni għolja ta' marlozz.

99. Konsegwentement, inqis li l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

100. Fir-rigward tat-tieni ilment, u fid-dawl ta' ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja [43], ma naħsibx li l-adozzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 tikkostitwixxi abbuż ta' poter min-naħa tal-Kunsill.

101. Fil-fatt, minn naħa, ir-Renju ta' Spanja ma jurix li s-sistema speċifika ta' mmaniġġjar tal-isforz għas-sajd li hija applikata għaż-żona bijoloġikament sensittiva kinet ġiet adottata prinċipalment b'għan ieħor għajr dak li jikkonsisti f'li tkun favorita l-konservazzjoni tal-marlozz.

102. Min-naħa l-oħra, inqis li la l-fatt li miżuri tekniċi intiżi għall-protezzjoni taż-żgħar ta' organiżmi tal-baħar jistgħu wkoll jirriżultaw minn regolament ieħor u lanqas il-fatt li jistgħu jeżistu żoni oħra bijoloġikament sensittivi ma juri, f'din il-proċedura, l-eżistenza ta' abbuż ta' poter min-naħa tal-Kunsill.

103. Minn dan jirriżulta li t-tieni ilment invokat mir-Renju ta' Spanja insostenn tal-eċċezzjoni tiegħu ta' illegalità għandu, fl-opinjoni tiegħi, ukoll ikun miċħud.

42 — Ara l-mapep nawtiċi annessi mal-kontroreplika tal-Kunsill u man-nota ta' intervent tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

43 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et* (C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 24), u tat-22 ta' Novembru 2001, L-Olanda vs Il-Kunsill (C-110/97, Ġabra p. I-8763, punt 137). Skont din il-ġurisprudenza, "att huwa vvizzjat b'abbuż ta' poter biss jekk fuq il-bażi ta' provi oġġettivi, rilevanti u konkordanti, jidher li dan ġie adottat bl-iskop esklużiv jew, għall-inqas determinanti, li jintlaħqu għanijiet differenti minn dawk iddikjarati jew sabiex tiġi evitata proċedura speċjalment prevista mit-Trattat sabiex jiġu ttrattati ċ-ċirkustanzi tal-każ".

104. Billi l-ebda ilment imqajjem insostenn tal-eċċezzjoni ta' illegalità ma ġie milqugħ, din l-eċċezzjoni, l-uniku motiv li fuqu huma bbażati t-talbiet għal annullament imressqa kontra l-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament Nru 1415/2004, għandha tiġi miċħuda.

105. Jirriżulta minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq li dan ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala infondat.

IV — Konklużjoni

106. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiddikjara bħala ammissibbli l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja kontra l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003, tal-4 ta' Novembru 2003, dwar l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95;

— tiċħad ir-rikors għal annullament tar-Renju ta' Spanja, u

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż, skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, u tordna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbati l-ispejjeż tagħha skont il-paragrafu 4 tal-istess Artikolu.